# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' April 2017**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 1139/2016/LSO**

**Herbert Messina sive Messina Ferrante (ID092438M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors mahluf ta' Herbert Messina *sive* Messina Ferrante ID 092438M datat 16 ta' Dicembru 2016 fejn espona: -

Illi din hija talba sabiex kunjomu jibqa 'Messina Ferrante' kif dejjem kien.

Illi gara kien dan l-ahhar meta fil-passaport tieghu tnizzel bhala 'Messina' kif jirrizulta mill-anness **Dok X1** u dana *stante* fil-kolonna "isem u kunjom" tal-missier fic-certifikat tat-twelid tieghu **Dok X2** hemm imnizzel "Edward John Messina."

Illi izda fic-certifikat tal-mewt ta' missieru, isem missieru tnizzel bhala "Edward Messina (*sive* Messina Ferrante" kif jidher mill-anness **DokX2A.**

Illi izda pero` fic-certifikat tal-maghmudija tar-rikorrenti isem missieru tnizzel bhala "Eduard John Messina Ferrante" u ghalhekk dejjem huwa kien registrat bhala Herbert Messina Ferrante u dan kif jidher mic-certikat tat-twelid tar-rikorrenti li hareg mill-Ufficcju Parrokjali tal-Gzira, anness u mmarkat bhala **DOK X3**;

Illi anke meta zzewweg l-esponenti gie registrat bhala 'Herbert Vincent Messina Ferrante' u dan kif jidher mill-anness **Dok X4**;

Illi ghalhekk prezentement r-rikorrenti jinsab f' sitwazzjoni anomala fejn huwa ghandu l-kunjom tieghu "Messina"

filwaqt li martu Elizabeth ghandha kunjomha 'Messina Ferrante' **(Dok X5)** ibnu Edward u n-neputijiet tieghu kif jidher mill-annessi **Dok X6** u **Dok X7** u **Dok X8** rispettivament.

Illi anke mis-segwenti dokumenti jirrizulta li huwa dejjem kien imnizzel bil-kunjom ta' **Messina Ferrante** u dana kif jirrizulta mis-segwenti:

a. Certifikati u lawrji tal-edukazzjoni tieghu mill-Kullegg San Alwigi, anness sa diversi universitajiet Malta u barra minn Malta **DOK X9**;

b. Passport Malti li kellu f'ismu r-rikorrenti fil-1967; fil-1978, fil-1988, fil-1993, fil-2003 annessi u mmarkati rispettivament **Dok X 10** li juru li huwa dejjem kien kunjomu 'Messina Ferrante';

c. Certifikat ta' rikonoxximent tar-rikorrenti ghas-servizz meritorju tieghu anness u mmarkat bhala **DOK X11**;

d. Kopja tal-*posters* tieghu meta kkontesta ghall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali anness u markata bhala **DOK X12**;

e. Karta tal-identita` tieghu valida sas-sena 1998 annessa u mmarkata **DOK X13**;

f. Licenzja tas-sewqan valida sas-sena 2013 annessa u mmarkta **DOK X14**;

g. Affidavit ta’ Carmelo Gauci Borda li jiddikjara li dejjem jaf lir-rikorrenti b'kunjomu Messina Ferrante **DOK X15 u Dok X15A** rispettivament.

Illi huwa jixtieq li ssir korrezzjoni fl-att ta' twelid tieghu sabiex fil-kolonna "isem u kunjom" missieru, l-kunjom ikun 'Messina Ferrante' u mhux 'Messina' kif dejjem kien aktar u aktar meta fil-familja, il-mara u t-tfal u n-neputijiet ghandhom il-kunjom 'Messina Ferrante' kif jidher mill-annessi dokumenti li saret referenza ghalihom hawn fuq.

Illi r-rikorrenti, *stante* l-kondizzjoni ta' sahha tieghu xejn tajba, qed jipprezenta l-affidavit tieghu li qed jigi anness u mmarkat **Dok X 16**.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-kunjom tar-rikorrenti huwa 'Messina Ferrante' u mhux 'Messina'.

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrenti b' tali mod li jirrifletti li r-rikorrenti kunjomu 'Messina Ferrante' u mhux 'Messina';

3. Tordna lill-intimat sabiex jemenda kull att pubbliku tal-isess rikorrenti bil-mod kif spjegat fit-tieni talba.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 6 ta' Frar 2017 (fol 65) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jirrileva illi **<u>t-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha,</u>** *stante* li r-rikorrent ma jistax jitlob ghall-korrezzjoni u dan ghaliex ma jirrizultax mid-dokumenti li gew mehmuza flimkien mar-rikors guramentat li fid-data ta' registrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni. Illi, galadarba ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lill-imsemmi att tal-istat civili skont id-dettami ta' **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha;

3. Illi skont il-ligi Maltija ta' meta twieled ir-rikorrent l-ulied jiehdu awtomatikament kunjom missierhom u ghalkemm ma jitnizzilx kunjom hdejn isimhom, il-kunjom imnizzel u ddikjarat mill-missier stess u li jidher hdejn isem il-missier, jitqies bhala kunjom ‘l ulied. Illi f’ dan il-kaz irrizulta ampjament illi missier ir-rikorrent iddikjara huwa stess illi kunjomu kien biss Messina u **<u>mhux</u>** Messina Ferrante;

4. Illi madanakollu, bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent lanqas ma jista' jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tieghu jigu mibdula b'mod li tinkwadra ruhha taht il-parametri msemmija **fl-Artikolu** 253 (2) **tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan qieghed jigi rilevat *stante* li **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** taghti l-fakulta' sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha, f’ kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni fuq **<u>l-att tat-twelid</u>** rispettiv sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa **<u>b'isem iehor, u mhux b'kunjom iehor</u>.** *[Enfasi tal-esponeni]* Illi l-esponent itenni illi r-rikorrent intavola l-azzjoni tieghu sabiex ibiddel **<u>kunjomu u mhux ismu</u>** minn fuq l-Att tat-twelid kif ukoll f’ kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrent meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat **<u>biss ghal bdil fl-atti tat-twelid.</u>** *[Enfasi tal-esponent];*

5. Illi b'referenza ghac-certifikat tal-maghmudija mahrug mill-Ufficcju Parrokjali li ssir referenza ghalih fir-rikors promotur u kif ukoll qieghed anness mal-istess u mmarkat bhala Dok X3 dan mhuwiex dokument mahrug mid-Direttur

tar-Registru Pubbliku u ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni;

6. Illi *di piu'* bla hsara ghal dak suespost b'referenza ghad-dokumenti annessi mar-rikors guramentat fejn juru illi r-rikorrenti huwa maghruf bil-kunjom ta' Messina Ferrante dan ma jfissirx illi kunjomu huwa hekk izda biss illi n-nies jaghfuh hekk. Dawn setghu jintuzaw biss fil-kaz illi t-talba kienet tirreferi ghall-isem *ai termini* tal-artikolu 253 (2) izda ma jistghux jintuzaw ghal talba ghall-korrezzjoni ta' att taht artikolu 253 (1);

7. Illi f' dan il-kaz jidher illi qed tintalab korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti pero' ma jirrizulta minn imkien illi effettivament sar xi zball jew ommissjoni;

8. Illi *di piu'* bla pregudizzju b'referenza ghac-certifikat tal-mewt ta' missier ir-rikorrent (Dok X2A), l-imsemmi certifikat jindika illi missier ir-rikorrent kien jismu Edward Messina imbghad jghid (*sive* Messina Ferrante) jigifieri li huwa maghruf bhala Messina Ferrante pero' il-kunjom dejjem jibqa' Messina;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 9 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Anna Mallia ghall-attur, u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Il-Qorti ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jipprezenta c-certifikat tat-twelid shih ta' missier ir-rikorrent. Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat, iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi izda tistrieh fuq l-eccezzjonijiet issollevati. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza b'dan li ghandu jigi esebit ic-certifikat tat-twelid shih - kopja tal-original fl-atti - ghas-27 ta' April 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fl-4 ta' Jannar 2017 (fol 63-64), b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrent qed jitlob li kunjomu kif registrat fl-att tat-twelid tieghu jigi korrett billi l-kunjom “Messina” jigi sostitwit bil-kunjom “Messina Ferrante”.

Ir-rikorrent jikkontendi li hu kien maghruf bil-kunjom “Messina Ferrante”, u l-mara tieghu, uliedu u n-neputijiet ghandhom il-kunjom “Messina Ferrante” kif muri fid-dokumenti X5 sa X8 esebiti a fol 10 sa 14 tal-process. Inoltre`, r-rikorrent esebixxa certifikat tal-maghmudija, Dok X3 (fol 8) fejn huwa hemmhekk imnizzel bhala “Messina Ferrante”. Inoltre`, gie esebit ukoll, certifikat taz-zwieg tieghu Dok X4 (fol 9) fejn hu indikat bhala “Messina Ferrante”. Sabiex jevidenzja l-fatt li hu kien konsistentement maghruf bhala “Messina Ferrante”, esebixxa kopji tal-passaport Dok X10 (fol 34-41) tal-karta tal-identita` tieghu valida sas-sena 1998, Dok X13 (fol 48), u kopja tal-licenzja tas-sewqan Dok X14 (fol 49), u kif ukoll dokumenti ohrajn, fosthom, certifikati edukattivi, certifikat ta’ rikonoxximent tar-rikorrent Dok X11 (fol 43) u sahansitra kopji ta’ posters ta’ meta kkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, Dok X12 (fol 45-47).

Illi r-rikorrent xehed permezz ta’ affidavit fejn ikkonferma bil-gurament li sa minn ckunitu dejjem kien maghruf u msejjah “Messina Ferrante” u mhux “Messina”, u dejjem kiteb ismu bhala “Messina Ferrante.” Qal li c-certifikat tat-twelid tieghu fl-ufficju parrokkjali, u cjoe` c-certifikat tal-maghmudija esebit, juri kunjomu bhala “Messina Ferrante.” Carmelo Gauci Borda u Edgar Izzo kkonfermaw ukoll bil-

gurament permezz ta' affidavit, li dejjem jafu lir-rikorrent bhala "Messina Ferrante."

Referibbilment ghac-certifikat tal-maghmudija esebit, ikkonsidrat li l-Ligi taghna tirrikonoxxi bhala prova tal-kontenut taghhom sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju *inter alia* "*l-atti u r-registru tal-parrocci dwar twelid, zwieg u mewt, u d-dispozizzjonijiet maghmula skont il-ligi quddiem Kappillan.*" (**art. 629(b) tal-Kap 12**). Illi s-sistema legali taghna tpoggi fiducja fic-certifikat tal-maghmudija u fl-**artikolu 273(1) tal-Kap 16** jinghad li: "*L-avviz tat-twelid jista' jinghata billi wiehed jibghat lill-ufficjal hawn fuq imsemmi fidi tal-maghmudija, iffirmata mill-Kappillan jew sacerdot iehor, li jkun ghammed it-tarbija.*"

Madankollu fil-materja li qed tigi trattata fil-kaz odjern, dwar il-kunjom tar-rikorrent, li twieled Malta, il-kunjom, hekk kif jispecifika l-**artikolu 4 tal-Kodici Civili** irid jirrifletti l-kunjom ta' missieru u ta' missier missieru. Il-gurisprudenza nostrana rriteniet, ghalkemm b'anqas rigidita` fiz-zminijiet ricenti, li tibdil fil-kunjom jista' jsir biss f'kaz fejn ikun sar zball fir-registrazzjoni.

Illi qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** rribadiet:

*"Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar 1947 fl-ismijiet "***Joseph Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe***" – sentenza li, incidentalment, ma segwietx*

*sentenza precedenti tal-Prim' Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet "**Michele Mclean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et**", din tal-ahhar citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement fis-sentenza, li ghaliha jaghmel hafna referenza l-appellant u cjoe` "**John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku**", 2 ta' Marzu 1994:*

*"…..hija haga maghrufa illi l-ligijiet tal-istat civili, bir-registrazzjoni tal-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-patrimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandu certu interess li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoretikament ma jistax ikun hemm permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skont l-ideat moderni prevalenti, u tadotta 'marte proprio' dak il-kunjom il-gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jew huwa dritt."*

Huwa minnu li l-Qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghall-bidliet fl-atti tal-istat civili, fejn gie ritenut li talba bhal din odjerna tista'

tirnexxi mhux biss fuq il-bazi ta' zball izda anke fuq bazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna.

Illi fil-kaz **McLean gia Abdillah vs Cremona nomine** P.A. deciza fil-31 ta' Ottubru 1930 (Kollez. Vol:XXVII.ii.305), inghad:

*"Illi sewwasew minahbba li l-bdil fl-atti ta' stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridiku iehor. F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess ta' terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal dawn."* (Ara wkoll **Jason Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciza fl-24 ta' Ottubru 2002).

Il-posizzjoni l-aktar recenti tal-Qrati taghna fil-fehma ta' din il-Qorti, tiddistingwi bejn kazijiet fejn it-tibdil fil-kunjom qed jintalab b'riferenza ghall-kunjom li m'ghandux konnessjoni mar-rabta familjari tal-applikant[1] u, min-naha l-ohra, it-temperament ta' din ir-rigorozita' fejn tali rabta hija evidenti u l-interessi ta' terzi mhumiex pregiudikati ad ezempju kif gie enuncjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA - JRM - 21 ta' Marzu 2002) :- "*Illi*

---

[1] Ara ad ez. Ezempji **Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku** (PAPS - dec fit-30 ta' Gunju 2004) u **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** (A.C. 16 ta' Dicembru 2003).

*din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita' ta' persuna hija stabbilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna izzid, matul hajjitha, kunjom iehor ma' dak li titwieled bih*[2]*. F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta' li tkun tista' tiddeciedi hi."*

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."*[3]

F'dik il-kawza c-cirkostanzi kienu li missier ir-rikorrent kien Ellul filwaqt li n-nanna paterna kellha l-kunjom 'Mercer' u l-gharfien tal-familja ta' missier l-attur bhala 'Ellul Mercer' kienet stabbilita ghal zmien twil. B'hekk biz-zieda mitluba minnu, r-rikorrent fir-realta' kien qed jaddotta l-kunjom patern dejjem fil-parametri konsentiti bil-Ligi.[4]

Illi din il-Qorti kif attwalment ippresjeduta applikat dawn il-principji f'diversi sentenzi ad ez. **David Calleja sive Calleja Urry et vs Direttur Registru Pubbliku** (27-10-2016) fejn kunjom in-nanna paterna kienet "*Urry*"; **Louis George**

---

[2] Art.4(3) tal-Kap.16

[3] *App. Civ.* ***2.3.1994*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku***

[4] Ara wkoll **Harold Ellul Mercer et v id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA (JRM) - 5 ta' April 2001).

**Padovani Ginies vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (29-09-2015) fejn ir-rikorrent talab li juza biss il-kunjom 'Padovani' u aktar recentement **Stefan Bonello sive Stefan Bonello Ghio pen vs Direttur Registru Pubbliku** (24-01-2017) fejn *"Ghio"* kienet kunjom xbubit in-nanna paterna. Bl-istess principji din il-Qorti cahhdet it-talba tar-rikorrent fil-kaz **Joseph Naudi vs Direttur Registru Pubbliku** (15-10-2015) billi ried izid parti mill-kunjom xbubit ommu, cioe` Montaldo u mhux Caruana Montaldo u l-Qorti qieset li dan kien jekwivali ghal tibdil ta' kunjom u ghaldaqstant mhux permissibbli bil-ligi.

Huwa minnu li l-On. Qorti tal-Appell aktar recentement issimplifikat il-konsiderazzjonijiet f'kazijiet simili fil-kaz fl-ismijiet **Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer v. Direttur tar-Registru Pubbliku** deciz fis-27 ta' Mejju 2016 fejn il-qorti irriteniet hekk:

*L-Artikolu 253(1) jipprovdi li tista' tintalab "korrezzjoni" ta' reġistrazzjoni. Kuntrarjament għal dak li jargumenta l-intimat, dan l-artikolu ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi koreġut u għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti l-"iżvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra taħtu. Hija għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata taħt dan l-artikolu.".*

Madanakollu ma jistax jinghad li kien hemm zball meta gie registrat it-twelid tar-rikorrent. *Ai termini* tal-**artikolu 4 tal-Kodici Civili**, wild iz-zwieg li jitwieldu Malta jiehdu kunjom il-missier. Illi jidher car li l-pozizzjoni tal-ligi taghna hija

kontrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi (art.4(3) 92 u 292 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Mill-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent, **Dok DRP1** (fol 73).

Illi konsiderazzjoni li timmilita kontra it-talbiet attrici huwa fis-sens li dak li qed jitlob ukoll huwa tibdil fil-kunjom ta' missieru, liema talba mhix sorretta bl-ebda prova. F'dan il-kuntest, jigi osservat li ta' relevanza hija l-firma tad-dikjarant fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent, **f'Dok DRP1,** hija "Messina", u mhux "Messina Ferrante." Sahansitra n-nannu tar-rikorrent Vincenzo, kien tal-kunjom "Messina."

Illi fil-kaz odjern, ma hemm l-ebda konnessjoni familjari mal-kunjom "Ferrante" anke jekk wiehed jittraccja l-kunjomijiet ta' xbubit' omm ir-rikorrent u xbubit in-nanna paterna tieghu.

"Ferrante" huwa proprju kunjom gdid, addottat unilateralment minn missieru u minnu, u mhux ufficjozament. Lanqas huwa permissibbli ghal Qorti, ghalhekk, li mqar tawtorizza li tiddahhal annotazzjoni fil-margni tac-certifikat tat-twelid kif gie hekk ordnat mill-Qorti tal-Appell b'konferma tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace v Direttur tar-Registru Pubbliku** (A.C.2/3/1994) fejn Pace kien kunjom xbubit omm ir-rikorrent.

Fid-dawl ta' dan, il-fatt li jirrizulta mid-dokumenti ulterjuri esebiti mar-rikors promotur, li r-rikorrent kien maghruf matul hajtu bhala "Messina Ferrante" mhux sufficjenti biex tintlaqa' t-talba tieghu. Hawnhekk, taqbel ma' dak sottomess fit-tieni u s-seba' u d-disa' eccezzjoni tal-intimat li ma jirrizultax li sar l-ebda zball fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent.

Jigi osservat, li tramite r-raba' eccezzjoni tal-intimat gie eccepit li t-talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' fil-parametri tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16**, Din il-Qorti taqbel mal-intimat, li din il-kawza ma tregix taht l-**artikolu 253(2) tal-Kap 16**, *stante* li dak is-subartikolu jitkellem specifikatament dwar "isem" u mhux kunjom, u r-rikorrent qed jintavola dan il-kaz biex ibiddel kunjomu. Ghalhekk, tilqa' r-raba' eccezzjoni.

Ikkonsidrat li fid-dawl tal-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent, Dok DRP1, ma jistax jigi kkonsidrat ic-certifikat tal-maghmudija. Ghalhekk, tilqa' l-hames eccezzjoni tal-intimat. Il-fatt li r-rikorrent kien konsistentement maghruf bhala "Messina Ferrante" ma jintitolahx ghal bdil/jew korrezzjoni fil-kunjom skont l-artikolu 4 tal-Kodici Civili. F'dan il-kuntest, taqbel mal-argument fis-sitt eccezzjoni tad-Direttur intimat, li t-talba setghet tigi milqugha biss jekk kienet tirreferi ghall-isem *ai termini* tal-artikolu 253 (2) tal-Kap 16, izda ma tistax tintuza ghat-talba ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid *ai termini* tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16. Ikkonsidrat ukoll, li dak imnizzel fic-certifikat tal-mewt ta' missier ir-rikorrent Dok X2A (fol 7) Edward Messina sive Messina Ferrante ikomplu jafferma l-fatt li kemm ir-rikorrent

u kemm missieru kienu maghrufin bil-kunjom “Messina Ferrante” izda l-kunjom jibqa’ “Messina”. Ghalhekk, tilqa’ wkoll t-tmien eccezzjoni tal-intimat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tichad it-talbiet tar-rikorrent ghar-ragunijiet dedotti.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta’ April 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta’ April 2017**